

31980L0213

21.2.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 47/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Jannar 1980

Li temenda d-Direttiva 72/461/KEE dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk

(80/213/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku ⁽²⁾,

Id-Direttiva 72/461/KEE hija emendata kif ġej:

Billi d-Direttiva 72/461/KEE ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/54/KEE ⁽⁴⁾, tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa li għandhom jiġu milħuqa minn annimali li minnhom jiġi akkwistat il-laħam;

1. l-Artikolu li ġej għandu jkun miżjud:

“*Artikolu 5a*

Billi għalkemm il-laħam akkwistat minn annimali li ma jissoddisfawx il-kundizzjonijiet tas-saħħa għandhom jiġu esklużi mill-Kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk minħabba r-riskju tat-trasmissjoni ta' mard ta' l-annimali li jittieħed jew infettuż, jista' jintuża għal skopijiet oħrajn meta jkun għadda minn trattament għall-qerda tal-mikrobi ta' dawk il-mardiet;

Minkejja l-Artikolu 5 (1), u sa fejn mhuwiex maħsub għall-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk, il-laħam imsemmi f' dak l-Artikolu jista' jkollu l-marka ddefinita fl-Anness, il-Kapitolu IX tad-Direttiva 64/433/KEE, kemm-il darba l-marka speċjali msemmija fl-Anness ta' din id-Direttiva hija immedjatament superimposta fuqha.

Billi dan il-laħam għalhekk għandu jingħata marka speċjali li tindika li huwa eskluż mill-Kummerċ intra-Komunitarju bħala laħam frisk u li tiggarrantixxi l-kwalitajiet sanitarji tiegħu għal użu ieħor, per eżempju għall-preparazzjoni ta' xi kategoriji ta' prodotti tal-laħam;

Id-Disposizzjonijiet ta' l-Anness I, Kapitolu IX, punt 39 tad-Direttiva 64/433/KEE għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għaż-żamma u l-użu ta' l-istrumenti tal-immarkar.

⁽¹⁾ ĠU C 289, tad-19.11.1979, p. 42.

⁽²⁾ L-Opinjoni mogħtija fl-24 ul-25 ta' Ottubru 1979 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 24.

⁽⁴⁾ ĠU L 16, ta' l-20.1.1978, p. 22.

Dan il-laħam għandu jiġi akkwistat, maqtuġh, ittrasportat u maħżun separatament minn, jew mhux fl-istess ħin bħal, laħam maħsub għall-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk.”

2. L-Anness li ġej għandu jkun miżjud

“L-ANNESS

Marka għall-laħam maħsub għall-użu minbarra kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk

1. Is-sovrastampar għandu jsir b' tali mod li t-timbru ovali ddefinit fl-Anness I, il-Kapitolu IX Nru 40 tad-Direttiva 64/433/KEE huwa kopert minn salib djagonali li jikkonsisti f' żewġ linji dritti li jaqsmu lil xulxin f'angoli retti, bil-punt ta' l-intersezzjoni fiċ-ċentru tat-timbru u li l-informazzjoni fuqha tibqa' tinqara.
2. Il-marki msemmiha fil-paragrafu 1 jistgħu wkoll isiru b' timbru wieħed li għandu jkun timbru ovali twil 6.5 cm u wiesa' 45 cm; l-informazzjoni segwenti għandha tidher fuq il-marka f' karattri li jinqraw perfettament:
 - fil-parti ta' fuq, l-isem tal-pajjiż esportatur f' ittri kbar,
 - fin-nofs, in-numru ta' approvazzjoni veterinarja tal-biċċerija,
 - Fil-parti ta' isfel, waħda mis-settijiet segwenti ta' inizzjali: KEE — EEC — CEE — EWG — EEG — EØF,
 - Żewġ linji djagonali li jaqsmu t-timbru djagonalment, li jintersettaw f'angoli retti fin-nofs tat-timbru b'tali mod li l-informazzjoni ma tinħebiex.

L-ittri iridu jkunu għoljin 08 cm u l-figuri għoljin 1 cm.

It-timbru jista' jkollu wkoll informazzjoni li biha l-veterinarju li jkun ispezzjona l-laħam jista' jiġi identifikat.”

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sal-31ta' Diċembru 1980.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Jannar 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MARCORA